

Brussell, 23 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13247/20

SOC 745

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 12847/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal - Jinħtieġ immirar aħjar tal-appoġġ tal-Kummissjoni"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal - Jinħtieġ immirar aħjar tal-appoġġ tal-Kummissjoni", approvati bi proċedura bil-miktub fit-23 ta' Novembru 2020.

Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal - Jinhtiegħ immirar aħjar tal-appoġġ tal-Kummissjoni"

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. WARA LI RĊIEVA Rapport Speċjali informattiv mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) bit-titolu 'Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal - Jinhtiegħ immirar aħjar tal-appoġġ tal-Kummissjoni'¹;
2. FILWAQT LI JAGĦRAF li l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal tibqa' kwistjoni serja u urġenti, bl-aktar data reċenti tal-EUROSTAT mill-2019 turi li kważi wieħed minn kull erbat itfal għadhom f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u li t-tfal jinsabu f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali mill-bqija tal-popolazzjoni fl-UE²; FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li r-Rapport Speċjali tal-QEA ma jagħmilx dikjarazzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' żvilupp tas-sitwazzjoni relatat mal-COVID;
3. FILWAQT LI JINNOTA li l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal taqa' primarjament taħt il-kompetenza tal-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha rwol ċentrali fl-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri biex itaffu l-faqar fost it-tfal, u li l-QEA ffukat fuq dan tal-aħħar fir-rapport tagħha;
4. FILWAQT LI JFAKKAR fil-prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jsemmi d-drittijiet tat-tfal għal edukazzjoni u kura bikrija affordabbli u ta' kwalità tajba kif ukoll id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar;
5. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI f'dan il-kuntest l-isforzi li saru mill-Kummissjoni bir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-20 ta' Frar 2013 "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" u fil-qafas tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

¹ https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20_20/SR_child_poverty_MT.pdf

² https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Children_at_risk_of_poverty_or_social_exclusion#Children_growing_up_in_poverty_and_social_exclusion

6. FILWAQT LI JIEĦU NOTA li l-QEA tistieden lill-Kummissjoni biex fit-tfassil u l-implimentazzjoni futura tal-inizjattiva tagħha li jmiss ta' politika dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal tiegħu kont tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-QEA;
7. FILWAQT LI JAGĦRAF il-potenzjal tal-fondi tal-UE, speċjalment il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), fl-indirizzar tal-kwistjoni tal-faqar fost it-tfal, fejn rilevanti;
8. FILWAQT LI JINNOTA l-erba' rakkomandazzjonijiet ta' konklużjoni mill-QEA:
 - (1) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi azzjonijiet u objettivi biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal fil-pjan ta' azzjoni tagħha għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;
 - (2) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha gwida interna ċara biex tidentifika sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż (CSR) potenzjali direttament relatata mal-faqar fost it-tfal bħala parti mill-analiżi tagħha fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew;
 - (3) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-Programmi u l-Ftehimiet ta' Sħubija (FS) għall-2021-2027 jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod adegwat il-faqar fost it-tfal. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li meta jkun hemm finanzjament assenjat għall-għieda diretta kontra l-faqar fost it-tfal, dan jiġi rifless b'mod ċar fil-loġika ta' intervent tal-FS u tal-Programmi;
 - (4) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li nġabret u ġiet analizzata informazzjoni suffiċjenti u affidabbli dwar il-miżuri u l-finanzjament meħtieġa biex ikun hemm impatt pożittiv fuq il-livell tal-faqar tat-tfal fl-UE, għall-iżvilupp ta' Garanzija għat-Tfal;
9. FILWAQT LI JIEĦU NOTA li r-rakkomandazzjoni tal-QEA dwar il-Proċess tas-Semestru Ewropew saret qabel it-tħabbira tal-Kummissjoni fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021³ li mhux ser ikun hemm il-ħtieġa li jiġu proposti CSRs fl-2021 lil dawk l-Istati Membri li ser ikunu ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. Minkejja dan, l-implimentazzjoni tar-riforma ser tkompli tiġi mmonitorjata abbażi tas-CSRs tas-snin preċedenti;

³ Ara d-dokument 10887/20.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

10. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, biex tinkludi azzjonijiet u objettivi li jindirizzaw il-faqar fost it-tfal fl-inizjattivi futuri tagħha, fost l-oħrajn fil-qafas tas-Semestru Ewropew;
11. Barra minn hekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżgura t-tlestija tal-passi meħtieġa u l-ġbir ta' informazzjoni għat-tħejjija tal-inizjattiva ta' politika li ġejja dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal;
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa t-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, inkluż permezz tal-KPS, u biex tipprovdi, fejn rilevanti, gwida dwar kif tiġi stabbilita rabta mal-Fondi SIE;
13. JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) biex ikompli – fil-qafas tal-kompitu tiegħu bbażat fuq it-Trattat ta' monitoraġġ tas-sitwazzjoni soċjali u l-iżvilupp ta' politiki ta' protezzjoni soċjali fl-Istati Membri u fl-Unjoni – il-ħidma tiegħu fuq il-faqar u fuq l-indikaturi "fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali" (AROPE) u, fejn rilevanti, l-"indikatur il-ġdid ta' deprivazzjoni materjali speċifiku għat-tfal".